Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Carlo Ellul)

vs

Frederick Cutajar

Illum 6 ta’ April, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Frederick Cutajar, iben Emanuel u Mary Ann mitwielda Apps, imwieled fil-21 ta’ Lulju, 1951 u detentur tal-karta tal-identita numru 581751(M); li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-14 ta’ April, 2000 u fis-snin ta’ qabel bhala detentur tal-fond ‘Odessa’, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia jew bhala l-persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond b’diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal izjed minn LM100 u anqas minn LM1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur, u aktar

2. Talli ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom;

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li tapplika Art. 533 tal-Kap. 9;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-Ispettur Carlo Ellul illi qal illi fl-14 ta' April tas-sena 2000 fid-9.30a.m. kien gie Louis Galea impjegat tal-Korporazzjoni EneMalta u qallu li kien hemm meter imbaghbas f'Santa Lucija fil-fond 'Odessa' Triq Halib it-Tajr, Santa Lucija, id-dar tal-imputat fuq imsemmi. L-Ispettur mar fuq il-post u gie muri l-arlogg tad-dawl illi kellu xi brix. Kellu ukoll ghafsa fic-comb u intqal lilu mill-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta li l-meter kien seta gie imbaghbas, L-Ispettur kellem lill-imputat li qallu li kien hu stess li kien irraporta lill-EneMalta peress li kien qieghed jircievi kontijiet gholjin u li qablu hemm hekk kien joqghod haddiehor. Sussegwentement saret Inkjesta Magisterjali.

Illi xehed Silvio Decelis, Administrative Officer mal-Korporazzjoni EneMalta, u qal illi meta l-impjegati tal-Korporazzjoni ghamlu spezzjoni fid-dar tal-imputat din ma kienitx xi 'surprise inspection'. Huwa qal illi fil-fond in kwistjoni gie installat il-meter tad-dawl fit-23 ta' Ottubru, 1973, pero' ma setax jistabilixxi jekk kienx l-imputat li kien

applika ghall-meter in kwistjoni. Is-Sur Decelis xehed illi huwa ghamel il-verifiki tieghu, mar lura ghaxar snin u f'dan il-perjodu il-fond kien dejjem taht il-kontrol tal-imputat.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi hu u l-mara tieghu kienu cemplu lil tal-EneMalta u ghamlu ilment dwar kont li kienu ircevew peress illi raw li kien gholi dan il-kont u kienet ghal din ir-raguni li kienu gew fid-dar tieghu l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta. Huwa xehed illi l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta kienu baghatulu avviz fid-dar tieghu fid-29 ta' Marzu tas-sena 2000 fejn infurmawh li kienu gejjin fid-dar tieghu fl-14 ta' April tas-sena 2000. Fl-ittra qalulhom li kienu ser jittestjaw il-meter u fil-kaz jibdlu l-meter tad-dawl. Effettivament l-imputat fuq imsemmi esebixxa kopja ta' din l-ittra f'dawn il-proceduri. L-imputat xehed illi l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta gew fid-dar tieghu, bidlulu l-meter tad-dawl u meta qalghu l-meter qalulu li l-meter kien imbaghbas. L-imputat qalilhom illi huwa qatt ma kien baghbas fil-meter tad-dawl. Anzi qalilhom, "Jiena stess ghidtilkom biex tigu fid-dar tieghi" u fil-fatt qabad u cempel hu stess lill-pulizija. Huwa cahad kategorikament illi qatt baghbas fil-meter tad-dawl u qal illi l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta dakinhar bidlulu l-meter tad-dawl u

minn dakinhar ‘il quddiem il-kontijiet illi beda jircievi bdew jigu inqas mill-kontijiet illi kien jircievi qabel.  Huwa xehed illi kien ilu joqghod f’dan il-post xi tmintax (18) il-sena u qablu kien hemm haddiehor.  L-imputat esebixxa diversi kontijiet illi fil-fatt juru illi qabel ma marru l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta fid-dar tieghu u bidlulu l-meter tad-dawl il-kontijiet illi kien jircievi kienu oghla minn dawk illi beda jircievi wara li l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta bidlulu l-meter tad-dawl.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi irnexxielu jeghleb il-presunzjoni kontemplata mil-Ligi precizament fl-Artikolu 264 subsection (2) tal-Kap. 9 peress illi huwa ipprova li kien hu stess illi kien cempel lill-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta sabiex jigu jaghmlu ‘inspection’ tal-‘meter’ tad-dawl tar-residenza tieghu. L-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta infurmawh bid-data tal-‘inspection’ u oltre dan il-kontijiet li beda jircievi wara illi inbidillu l-‘meter’ tad-dawl bdew jigu inqas minn dawk li kien qieghed jircievi qabel ma imbidillu l-‘meter’ tad-dawl.

Illi l-Qorti taraha pjuttost difficli jekk mhux impossibbli illi tipprova tirrikoncilja l-fatt illi l-imputat cempel hu stess lill-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta sabiex jigu fid-dar tieghu u jaghmlu spezzjoni fil-meter tad-dawl tar-residenza tieghu mal-fatt illi huwa kien baghbas il-meter tad-dawl imsemmi.  L-imputat kien anke avzat bid-data ta' meta l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta kienu gejjin u ghalhekk li kienu effettivament u verament kien baghbas il-'meter' tad-dawl in kwistjoni huwa kien jiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jipprova jahbi dan il-fatt.

Illi fil-fatt dak illi gara kien illi l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta, wara li qalghu l-'meter', raw illi dan kien gie imbaghbas u gibdu l-attenzjoni tal-imputat ghal dan il-fatt.  L-imputat meta ra hekk qabad hu stess u cempel lill-pulizija.

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tiddikjara lill-imputat **mhux hati**  tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; liema imputazzjonijiet ma gewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni, u qeghda **tilliberah** minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur